MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 965/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**JOSEPH CINI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Cini detentur tal-Karta tal-Identita` numru 304664M.

**Akkuzat talli:**

Nhar l-20 ta` Awissu 2011, ghal habta tas-sebgha nieqsin kwart ta` filghodu (06:45hrs), gewwa l-Imsida, harab minn gewwa l-isptar Mater Dei li huwa prigunier, mill-kustodja tal-persuni jew persuni inkarigati mill-kustodja tieghu.

U aktar talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` 151, 49, 50, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni ma jhallu l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li tinnota l-fatt illi l-imputat inzamm b'arrest mill-20 ta` Awissu 2011 biss fuq dan l-incident ta` harba mill-habs, stante li nghata l-plegg f'zewg pendenzi ohra pendenti quddiem Qrati diversament preseduti, liema plegg ghadu ma thallasx.

Il-Qorti temmen illi piena karcerarja hija essenzjali f'dan il-kaz u dan sabiex hija tghallem rispett lejn l-Awtoritajiet inkarigati bl-inkarcerazzjoni ta` dawk li nstabu hatja u ghal

dawn il-motivi qed tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` sena (1).

Il-Qorti tispecifika li nono stante li l-imputat kien inkarcerat civili fil-Facilita` Korrettiva meta harab, huwa kien ikkarcerat fuq kawzi ohra li ghalihom ghadu akkuzat, izda meta huwa rega` inqabad mill-Awtoritajiet kompetenti fit-28 ta` Awissu 2011, huwa nzamm arresstat ukoll fuq din il-harba.

Ghalhekk l-imputat illum ilu wkoll arrestat fuq dan l-incident perjodu ta` kwazi erbatax (14)-il xahar.

Il-perjodu ta` sena ta` karcerazzjoni inflitta llum minna ghandu jitnaqqas dak iz-zmien kollu li l-imputat ghamel taht arrest ghal din l-imputazzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------